**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**ONOR. IMĦALLEF NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Appell Numru: 19/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliot Magro)**

**vs**

**Mario SPAGNOL**

**Illum, 7 ta' Awwissu 2024**

Il-Qorti,

Rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar l-10 ta' Jannar 2023 fil-konfront ta' **Mario SPAGNOL**, iben Joseph u Carmela nee` Vella, imwieled il-Fgura nhar it-13 ta' Settembru 1961, residenti ġewwa 28, Chez Nous, Triq iċ-Ċrieki, Marsaskala, u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 0588161(M), li ġie mixli talli:

   Nhar il-21 ta' Ottubru 2021, għall-ħabta ta' 09.20hrs, ġewwa għalqa fil-limiti ta' Marsaskala:

1. Ikkaċċja jew ipprova jikkaċċja, ħa jew ipprova jieħu b'kull mezz li jkun xi għasfur kif permess skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, meta ma kienx fil-pussess ta' liċenzja valida skond ma jkun japplika, maħruġa mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi u meta ma ssodisfax il-kundizzjonijiet kollha speċifikati fil-liċenzja u f'kull liġi oħra u dan bi ksur ta' Regolament 12(1) ta' L.S. 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kien qiegħed jagħmel użu minn xbieki u dan bi ksur ta' L.S. 549.42, Regolament 7.1(E).

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra li tagħti l-piena taħt ir-Regolament 27 tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska ta' kull liċenzja jew permess maħruġa taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għall-perjodu applikabbli taħt l-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat L.S. 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

3. Illi permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat ir-regolament 12 u 7(1)(e) tal-Liġi Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat (illum l-appellant) **Mario SPAGNOL** ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u konsegwentement ikkundannatu għall-multa ta' elfejn ewro (€2000), li ai termini tal-artikolu 14 tal-Kodiċi Kriminali jistgħu jitħallsu b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitejn ewro (€200) fix-xahar. F'każ li l-ħlas ikun ħa jsir b'rati mensili, l-ewwel pagament għandu jsir fi żmien xahar mid-data tas-sentenza, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jekk dan ma jitħallasx, jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

Il-Qorti, fit-termini tar-regolament 27 tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006, ordnat ukoll is-sospensjoni tal-liċenzja jew permess rilevanti maħruġ taħt

ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet ta' Pulizija għall-perjodu ta' sentejn mid-data tas-sentenza.

## C. L-APPELL INTERPOST

4. Illi **Mario SPAGNOL** appella minn din is-sentenza billi talab lil din il-Qorti sabiex:

"*Tirrevoka u tannulla s-sentenza msemmija u konsegwentement, tilliberah minn kull htija u piena.*

*B'mod alternattiv, in vista tal-fatti u l-provi kif esposti taghti piena aktar idoneja għall-kaz in kwistjoni billi tirriduci l-multa u/jew tirriduci s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahrug lill-appellant taht il-ligi sussidjarja 549.42 u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija.*"

## D. RISPOSTA TAL-AVUKAT ĠENERALI

5. Illi l-Avukat Ġenerali wieġbet għar-rikors tal-appell intavolat minn **Mario SPAGNOL** billi opponiet għat-talba kif dedotta fl-istess rikors, u dan għar-raġunijiet indikati fl-istess risposta.

## E. TRATTAZZJONI TAL-PARTIJIET

6. Illi l-partijiet trattaw il-mertu tal-appell fl-udjenza miżmuma quddiem din il-Qorti, kif diversament preseduta, nhar id-29 ta' Awwissu 2023. Fl-udjenza miżmuma quddiem din il-Qorti, kif preseduta, nhar it-22 ta' Frar 2024, il-partijiet iddikjaraw illi ma kellhom xejn xi jżidu mat-trattazzjoni tagħhom quddiem din il-Qorti, kif diversament presjeduta.

## F. IL-KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

7. Illi jirriżulta mill-atti proċesswali illi nhar il-21 ta' Ottubru 2021, għall-ħabta tad-9.20 a.m., PC 541 L. Fava u PC 1477 Owen Michael Gatt kienu fuq ronda fl-inħawi ta' bejn Marsaskala u ż-Żejtun, u waqt spezzjoni fl-għelieqi fl-istess inħawi nzertaw mansab, li fuqu kien hemm l-appellant odjern. L-appellant deher armat b'mansab li kien jidher li kien qiegħed jiġi utilizzat għar-riċerka tas-seba' speċi tal-għasafar tal-għana, skont deroga li kienet ingħatat proprju f'dak iż-żmien, u kien qiegħed għall-kaċċa. Huwa ġie mitlub sabiex jipprovdi l-liċenzja speċjali tal-insib, kif ukoll id-dokumenti meħtieġa għall-ġarr tal-arma, il-liċenzja ġenerali u l-permess tas-sit fejn kien qiegħed jonsob. Jirriżulta illi huwa provda l-liċenzja ġenerali u d-dokumenti tal-ġarr tal-arma, iżda stqarr illi kien għadu ma rċeviex il-liċenzja speċjali għall-insib tal-għasafar tal-għana.

8. Illi minn stħarriġ illi għamel PC 541 mar-rappreżentanti tal-*Wild Birds Regulation Unit*, irriżulta illi lill-appellant ma nħarġitlux il-liċenzja speċjali, stante illi kien instab ħati fuq każ ieħor mill-Qorti nhar it-28 ta' Settembru 2021. Sussegwentement, wara illi l-appellant ingħata l-jedd tal-assistenza legali u kkonsulta ma' Dr. A. Miruzzi, huwa stqarr illi kien ġie infurmat dakinhar stess mill-uffiċjali tal-*Wild Birds Regulation Unit* illi l-liċenzja speċjali ma kinitx inħarġitlu stante illi kien ġie deċiż fil-konfront tiegħu każ ieħor nhar it-28 ta' Settembru 2021. Stqarr ukoll illi huwa kien appella minn din is-sentenza fil-5 ta' Ottubru 2021, u għalhekk kien qed jistenna li xorta jirċievi din il-liċenzja. Sussegwentement, l-appellant ġie nfurmat illi kienu se jinħarġu l-imputazzjonijiet fil-konfront tiegħu, kif fil-fatt ġara.[1] Kif ingħad, huwa nstab ħati mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-istess imputazzjonijiet nhar l-10 ta' Jannar 2023.

9. Illi fl-ewwel lok, l-appellant jillanja illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) m'għamlitx apprezzament akkurat tal-provi kollha prodotti u daqstant ieħor il-Pulizija ma nvestigatx il-każ sew. L-appellant jisħaq illi l-ewwel Qorti ma tatx il-piż xieraq lix-xhieda tar-rappreżentant tal-*Wild Birds Regulation Unit* in kontro-eżami u tad-dokumenti ppreżentati minnu. L-appellant isostni illi huwa ma jiċħadx li dakinhar tal-21 ta' Ottubru 2021,

---

[1] Ara l-affidavit ta' PC 541 L. Fava, a fol. 4 u 5 tal-proċess u l-affidavit ta' PC 1477 Owen Michael Gatt, a fol. 6 u 7 tal-proċess.

huwa kien qiegħed jonsob fil-lok fejn fil-fatt instab mill-Pulizija u lanqas ma jiċħad li huwa ma kellux fil-pussess fiżiku tiegħu l-liċenzja speċjali, stante illi din kienet għadha fil-posta, fil-waqt illi l-istaġun kien fetaħ fl-20 ta' Ottubru 2021. Huwa jsostni, madankollu, illi mhux minnu illi huwa ma setax jonsob u illi ma kellux dritt għal-liċenzja tal-insib peress illi kien instab ħati ta' reati simili fit-28 ta' Settembru 2021, u kellu l-liċenzja sospiża, u dan stante illi s-sentenza in kwistjoni ma kinitx waħda finali. Għalhekk skont l-appellant, id-deċiżjoni tal-ewwel Qorti kienet treġi biss kemm il-darba ma kienx ġie ntavolat appell fil-5 ta' Ottubru 2021, jew kemm il-darba dan l-appell ġie deċiż kontra l-appellant. L-appellant isostni illi anke r-rappreżentant tal-*Wild Birds Regulation Unit* ikkonċeda illi kienet inħarġet il-liċenzja neċessarja fil-konfront tiegħu. Huwa evidenti għalhekk, skont l-appellant, illi l-Pulizija straħu biss fuq dak li kienu qalulhom l-uffiċjali tal-*Wild Birds Regulation Unit*, illi da parti tagħhom provdew informazzjoni żbaljata. L-appellant jilmenta illi ġie stabbilit b'ċertezza assoluta illi huwa kellu liċenzja valida fil-jum in kwistjoni, u dan stante illi jirriżulta pruvat illi din il-liċenzja kienet iġġib id-data tal-14 ta' Ottubru 2021. Għalhekk, ikompli l-appellant, huwa la kellu jitressaq f'dawn il-proċeduri u wisq inqas jinstab ħati mill-ewwel Qorti.

10. Permezz tat-tieni aggravju tiegħu, imbagħad, u mingħajr preġudizzju għall-ewwel aggravju, l-appellant jitlob temperament fil-piena u dan għaliex skont hu, il-multa mposta hija waħda sproporzjonata u għandha tkun fil-minimu jew tqarreb lejn il-minimu. Huwa talab ukoll il-klemenza tal-Qorti fir-rigward tas-sospensjoni tal-liċenza.

11. Illi fir-rigward tal-<u>ewwel aggravju</u> tal-appellant, il-Qorti tibda billi tirreferi għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) tal-21 ta' April 2005, fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit</u>** fejn ingħad is-segwenti:

> ... kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata

> mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.[2]

12. Illi din il-Qorti tirreferi għar-Regolament 12(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 bħala l-bazi għall-ewwel imputazzjoni li tagħha nstab ħati l-appellant. Dan ir-regolament jaqra hekk:

> Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra l-ebda persuna m'għandha tikkaċċja jew tipprova tikkaċċja, tieħu jew tipprova tieħu b'kull mezz li jkun xi għasfur kif permess skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, kemm-il darba dik il-persuna ma tkunx fil-pussess ta' liċenzja valida skont ma tkun tapplika, maħruġa mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi, u dik il-persuna tkun tissodisfa l-kondizzjonijiet kollha speċifikati fil-liċenzja u f'kull liġi oħra.

13. Għaldaqstant jirrizulta mid-diċitura adoperata mil-liġi illi sabiex persuna tkun tista' titqies li kienet qiegħda tikkaċċja jew tittenta tikkaċċja, tieħu jew tipprova tieħu għasfur kif permess mil-liġi, hija trid neċessarjament ikollha dik il-liċenzja valida li trid il-liġi għall-ikkaċċjar jew l-insib ta' dak l-għasfur partikolari u tali persuna trid tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha speċifikati f'dik il-liċenzja u f'kull liġi oħra. Jekk ma jkollhiex liċenzja valida, jew inkella jkollha liċenzja valida, iżda ma timxix mal-kundizzjonijiet speċifikati fil-liċenzja, hija tikser il-liġi.

---

[2] Fir-rigward, dik il-Qorti rreferiet ukoll għas-segwenti sentenzi: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991.

14. Illi l-Prosekuzzjoni, f'dan il-każ, qegħda tallega illi l-appellant ma kienx fil-pussess ta' liċenzja valida kif trid il-liġi dakinhar tal-21 ta' Ottubru 2021, meta nqabad jonsob fl-inħawi ta' Marsaskala, għaliex huwa ma kellux liċenzja speċjali valida sabiex jonsob waqt deroga maħruġa fit-termini tar-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42. Jirriżulta mhux ikkontestat illi meta l-appellant instab jonsob dakinhar tal-21 ta' Ottubru 2021, huwa ma kienx fil-pussess materjali ta' dik il-liċenzja speċjali.

15. Illi mix-xhieda ta' Nicholas Grech in rappreżentanza tal-*Wild Birds Regulation Unit*[3], jirriżulta illi d-deroga ta' interess għall-każ odjern hija dik li nħarġet fil-perjodu tal-Ħarifa tas-sena 2021 għar-Riċerka fuq is-seba' speċi tal-Għasafar tal-Għana. Hawnhekk issir referenza għal Dok. AM u Dok. AM1[4], esebiti mill-appellant waqt il-kontro-eżami tax-xhud Nicholas Grech, liema dokumenti juru b'mod ċar li l-appellant għandu raġun jgħid kif dakinhar tal-21 ta' Ottubru 2021, huwa kellu liċenzja speċjali b'rabta mad-deroga għall-insib tal-Għasafar tal-Għana fil-Ħarifa tas-sena 2021. Dawn id-dokumenti juru li nħarġu mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi nhar l-14 ta' Ottubru 2021 u għalhekk madwar ġimgħa qabel il-jum li fih l-appellant instab jonsob fl-inħawi ta' Marsaskala. M'hemmx dubju lanqas li din il-liċenzja speċjali nħarġet f'isem l-appellant Mario SPAGNOL, hekk illi r-rappreżentant tal-*Wild Birds Regulation Unit* ukoll irrikonoxxa illi dakinhar tal-21 ta' Ottubru 2021, l-appellant kien kopert b'liċenzja speċjali għall-insib tal-għasafar tal-għana bi skopijiet ta' riċerka skont id-deroga maħruġa għal dak il-perjodu. Fil-fatt Nicholas Grech, in kontro-eżami, jixhed hekk:

> Xhud; Skuzani qed jirrealizza x'gara u ma garax, nista' forsi
>
> Il-Qorti; Hawnhekk ha nurik issa iccekja anki min-notamenti li għandek, hawnhekk ha nurik żewġ dokumenti Dok AM u Dok AM1 ha nurik dawn id-dokumenti ghidli x'inhuma u spjegali dak kollu li ghandek tispjegali in konnessjoni ma' dan il-kaz, l-unika haga sinjur qed inwissik qieghed bil-gurament jigifieri importanti illi tixhed il-verita' kollha allright, it's very important mghandix ghalfejn

[3] Ara a fol. 12 *et seq* tal-atti proċesswali.
[4] Ara a fol. 19 *et seq* tal-proċess.

nghidlek li nuqqas li tixhed il-verita huwa reat. AM u AM1 x'inhuma?

Xhud: Dawn huma l-licenzji specjali ta' Mario Spagnol wiehed ghall-progett ta' ricerka ghas-seba' speci tal-ghasafar tal-ghana tal-Harifa 2021 u AM huwa biex jippartecipa f'progett ta' ricerka, it-tnejn li huma ezatt huma għar-riċerka tal-għasafar tal-għana.

...

Xhud: Din hija l-liċenzja suppost

Il-Qorti: Imma naqblu li l-liċenzja speċjali għal Ħarifa tas-sena 2021

Xhud: Iva iva mela...[5]

16. Illi din il-Qorti tqis illi l-appellant għandu raġun in kwantu jgħid illi l-ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkunsidrat illi huwa kien konsapevoli tal-fatt illi kien għadu kif instab ħati u illi għaldaqstant, ma setgħetx tinħariġlu liċenzja, fit-termini tar-Regolament 13 tal-Avviż Legali 394 tas-sena 2021, ippubblikat fid-19 ta' Ottubru 2021[6]. Fir-rigward il-Qorti tqis illi għalkemm ma nġabitx l-aħjar prova dwar din il-ħtija tal-appellant u dwar l-appell illi huwa ntavola minn din is-sentenza, biss dan l-istat ta' fatt ma jirriżultax ikkontestat, u ċertament illi ġie ppruvat sal-grad tal-probabbli, hekk kif mhux biss l-appellant stess stqarr illi huwa kien appella minn sentenza li kien għadu kif ingħata, iżda dan ġie kkonfermat ukoll mir-rappreżentant tal-*Wild Birds Regulation Unit*, li wkoll jixhed illi kien hemm appell pendenti f'każ ieħor da parti tal-appellant. Għalhekk fir-rigward il-Qorti tqis illi la darba s-sentenza ta' ħtija fil-konfront tal-appellant ma kinitx għaddiet in ġudikat fiż-żmien in kwistjoni, ma jistax jingħad illi kien japplika fil-konfront tiegħu l-imsemmi Regolament 13. Kif ingħad, jirriżulta mill-atti proċesswali u mill-kontro-eżami ta' Nicholas Grech illi fil-fatt l-appellant kien kopert bil-liċenzja speċjali relattiva, maħruġa lilu nhar l-14 ta' Ottubru 2021.

[5] Ara a fol. 15 u 16 tal-proċess.

[6] Dan ir-regolament jgħid hekk fil-proviso għas-sub-regolament (2): "*Iżda tali persuna għandha tkun ipprojbita milli tapplika għal-liċenza speċjali għar-riċerka ġdida maħruġa skont dawn ir-regolamenti jew ir-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi, hekk kif tinstab ħatja mill-Qorti.*"

17. Biss din il-Qorti tirrileva illi minn Dok. AM1, esebit mill-appellant, liema dokument jinkludi l-kundizzjonijiet kollha marbuta ma' din il-liċenzja, u speċifikatament mill-kundizzjoni numru 22, jirriżulta illi l-persuna liċenzjata għandha dejjem iżżomm fuqha din il-liċenzja waqt li tkun qegħda tipparteċipa fil-proġett tar-riċerka, jew waqt li tkun sejra lejn jew ġejja minn fuq l-istazzjon tar-riċerka. Mill-provi prodotti jirriżulta illi din il-liċenzja speċjali ma kinitx fuq l-appellant fil-mument illi huwa kien qed jonsob f'Marsaskala, tant illi fir-rikors tiegħu, l-appellant isostni illi dan l-istat ta' fatt huwa lanqas qed jikkontestah. Dan ifisser illi għalkemm l-appellant għandu raġun jisħaq li huwa kien kopert b'liċenzja valida għall-proġett ta' riċerka fuq l-għasafar tal-għana fil-Ħarifa tas-sena 2021, huwa ma kienx qiegħed jaderixxi mal-kundizzjonijiet ta' dik il-liċenzja u dan għaliex skont paragrafu bin-numru 22 tal-istess:

> Waqt li tkun qed tipparteċipa fil-proġett ta' riċerka jew waqt li tkun sejra lejn jew ġejja minn fuq l-istazzjon tar-riċerka, il-persuna liċenzjata għandha żżomm fuqha din il-Liċenzja Speċjali, il-liċenzja ġenerali għall-insib tal-għasafar u l-liċenzja għat-tqegħid ta' ċrieket xjentifiċi, skont il-każ, li jservu wkoll bħala mezz ta' identifikazzjoni, u l-pjanta kif approvata mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi u reġistrata mal-Kummissarju tal-Pulizija.

18. Ċertament allura illi l-vot li trid il-liġi fir-Regolament 12(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42, ma ġiex sodisfatt, għaliex il-leġislatur mhux biss eżiġa illi n-nassab ikun fil-pussess ta' liċenzja valida, iżda wkoll illi tali nsib jew teħid tal-għasafar, isir skont il-kundizzjonijiet ta' dik il-liċenzja. Hawnhekk issir ukoll referenza għall-paragrafu bin-numru 27 tal-Liċenzja Speċjali, Dok. AM1 fejn hemm preskritt is-segwenti:

> Kwalunkwe persuna li tonqos milli tosserva xi dispożizzjoni tal-Qafas Regolatorju jew il-kontenut ta' din il-liċenzja speċjali, jew tonqos milli tikkonforma ruħha ma' xi ordni mogħtija leġittimament skont xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew xi waħda mill-kundizzjonijiet ta' din il-liċenzja, tkun soġġetta għall-pieni stabbiliti fir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (L.S. 549.42) jew dawk taħt xi liġi jew regolament ieħor applikabbli.

19. Ikun għalhekk illi din il-Qorti tqis illi legalment u raġonevolment setgħet tinstab ħtija fl-appellant għar-reat kif ipotizzat fl-ewwel imputazzjoni.

20. Illi mbagħad issir referenza għar-Regolament 7(1)(e) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42, mertu tat-tieni imputazzjoni, liema dispożizzjoni taqra hekk:

> (1) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 8 u 9, ebda persuna m'għandha tikkaċċja jew tipprova tikkaċċja, tieħu jew tipprova tieħu xi għasfur billi tuża jew ikollha fil-pussess tagħha xi wieħed mill-metodi li ġejjin:
>
> (e) xbieki, inklużi dawk magħrufa bħala ranja, xbieki tal-arja, u kull tip ta' xibka wieqfa

21. Illi dak li jippreskrivi r-regolament appena ċitat huwa li mhux permess li jintużaw xbieki għall-insib u/jew kaċċa, salv għal dak provdut fir-Regolamenti 8 u 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42. Fir-rigward, il-Qorti tqis illi kif ingħad iżjed 'il fuq, l-appellant kellu liċenzja speċjali datata 14 ta' Ottubru 2021, sabiex jonsob għasafar tal-għana b'rabta mal-proġett li ġie mniedi permezz ta' deroga għall-perjodu tal-Ħarifa 2021, iżda din il-liċenzja ma kienetx għadha fil-pussess tiegħu meta huwa nstab jonsob dakinhar tal-21 ta' Ottubru 2021. Kif diġa` ingħad ukoll, skont dak indikat fil-liċenzja speċjali, Dok. AM1, waħda mill-kundizzjonijiet rikjesti sabiex din il-liċenzja tkun tista' tintuża skont il-liġi hija li din tkun fil-pussess tan-nassab fil-mument li huwa jkun qiegħed attivament jieħu sehem fl-insib kif awtorizzat mid-deroga. Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet illi din il-Qorti tqis illi la darba l-liċenzja speċjali stess teżiġi l-pussess materjali u fiżiku tagħha, ma jistax jingħad li l-appellant aġixxa skont il-liġi meta mar jonsob mingħajr ma kien fil-pussess tal-liċenzja speċjali, sabiex huwa jkun jista' f'għajnejn il-liġi jonsob legalment bħala parti mill-proġett tal-Ħarifa 2021. Ikun għalhekk allura li l-appellant huwa ħati wkoll tar-reat prevvist fid-dispożizzjonijiet tar-Regolament 7(1)(e) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42.

22. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis illi l-appellant seta' legalment u raġonevolment jinstab ħati wkoll tat-tieni imputazzjoni, b'dan għalhekk illi l-ewwel aggravju tal-appellant qiegħed jiġi miċħud.

23. Illi in kwantu għat-tieni gravam sottopost għall-ġudizzju ta' din il-Qorti, jiġi minnufih rilevat li huwa prinċipju ormai stabbilt li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu fl-eventwalita` li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Dwar dan, fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Awwissu 2005, fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek**, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) irreferiet għal *Blackstone's Criminal Practice 2004*, filwaqt illi kompliet tgħid illi din hija l-posizzjoni adottata konsistentement mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kemm fis-sede Superjuri, kif ukoll f'dik Inferjuri:

> **"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in *Nuttall* (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, *though they may appear heavy to individual judges*' (emphasis added). Similarly, in *Gumbs* (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '*...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle*." Both Channell J in *Nuttall* and Lord Hewart CJ in *Gumbs* use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range**

**for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."**[7]

24. Illi għalhekk din il-Qorti ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti sempliċiment għaliex din tippreskrivi piena ogħla minn dik li din il-Qorti kienet tagħti li kieku kienet hi li erogat il-piena. Sabiex l-appell jirnexxi, jeħtieġ illi l-appellant juri illi l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Jeħtieġ għalhekk illi din il-Qorti tagħmel l-analizi tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva, meta wieħed iqis ukoll l-aspetti retributtivi u preventivi tal-piena.[8]

25. Issir referenza wkoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) fil-każ fl-ismijiet **Ir-Repubbblika ta' Malta vs Carmen Butler** tas-26 ta' Frar 2009, fejn il-Qorti qieset illi:

> … meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il-piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal-fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor. [sottolinear ta' din il-Qorti]

26. Illi mistħarrġa l-prinċipji ġurisprudenzjali in materja, tenut kont illi din il-Qorti qed tqis lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu għal raġuni differenti minn dik illi dwarha nstab ħati mill-ewwel Qorti, u ċioe` mhux għaliex ma kellux liċenzja valida skont il-liġi, iżda għaliex kiser il-kundizzjonijiet tal-istess liċenzja, tqis ukoll illi għandu jkun hemm

[7] Hawnhekk dik il-Qorti rreferiet għall-paġna 165, para. D23.45
[8] Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-22 ta' Ottubru 2019, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mohamed Berkouk, Mallem Abderrahmane, Lazhari Zamouche**.

temperament fil-piena, u dan in kwantu l-multa mposta fuqu mill-ewwel Qorti. Fir-rigward, din il-Qorti qed tikkunsidra wkoll il-fedina penali aġġornata tal-istess appellant. Madankollu, in kwantu għas-sospensjoni tal-liċenzja, maħruġa taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, il-Qorti tosserva illi l-ewwel Qorti mponiet it-terminu minimu li tippreskrivi l-liġi fir-Regolament 27 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 u għaldaqstant, tali sospensjoni se tiġi konfermata.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell tal-appellant **Mario SPAGNOL** *in parte* u dan billi filwaqt illi tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu sabet ħtija fl-appellant dwar l-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu, kif ukoll f'dik il-parti fejn ordnat is-sospensjoni tal-liċenzja jew permess rilevanti maħruġ taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għall-perjodu ta' sentejn, liema perjodu għandu jibda jiddekorri min-nofs il-lejl ta' llum stess, tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie kkundannat għall-piena ta' multa ta' elfejn ewro (€2,000) u minflok, wara li rat ir-Regolament 27(3)(a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42, tikkundannah għal multa ta' elf ewro (€1,000), li fit-termini tal-Artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali, tista' tħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt ewro (€100), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi kemm il-darba l-appellant jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

**Natasha Galea Sciberras**
**Imħallef**